MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2010

Citazzjoni Numru. 56/2010

Bank of Valletta p.l.c. (C2833)
vs
Dr. Martin Fenech LL.D. u l-P.L. Liliana Buhagiar mahtura b'digriet tat-2 ta' Ottubru 2009 bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirrapprezentaw lill-assenti Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia rispettivament u b'digriet tal-1 ta' Marzu 2010 l-intimati Andrew u Elizabeth Farrugia assumew l-atti tal-kawza filwaqt li gew estromessi l-kuraturi deputati

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tal-bank rikorrenti li bih espona:

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat fit-28 ta' Jannar 2008 in atti Nutar Dottor Robert John Muscat Dok. 'A', u permezz ta' skrittura privata datata fit-3 ta' Novembru 2008 Dok. 'B', is-socjeta`

attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia.

2. Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici ta’ Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia fis-somma ta’ mija u sitta u disghin elf, disa’ mija u sebgha u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€196,937.73) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. “C”, “D1” sa “D2”, "E1 sa E2") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta' Novembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament.

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u l-iskrittura fuq imsemmija (u prezentata mar-rikors bhala Dokumenti 'A' u 'B') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia:
(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura.
(b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew
(c) hemm bidliet materjali fic-cirkosianzi ta' l-istess Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` attrici.

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

5. Illi l-konvenuti Dr. Martin Fenech LL.D. u l-P.L. Liliana Buhagiar mahtura b’digriet tat-2 t’Ottubru 2009 bhala kuraturi deputati nominati sabiex jirraprezentaw lill-assenti Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia (ID. 479962(M) u 436259(M) gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata fis-16 ta’ Lulju 2009 li kopja taghha giet prezentata mar-rikors u immarkata Dok. "F", sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Il-bank rikorrent talab lill-Qorti:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura fuq imsemmija (u prezentati mar-rikors bhala Dokumenti 'A' u 'B') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia: (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura; (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati; u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

2. Tikkundanna lil Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia jhallsu lis-socjeta` attrici s-somma ta' mija u sitta u disghin elf, disa' mija u sebgha u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€196,937.73) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'C", "D1 sa D2", "E1 sa E2") flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta' Novembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fis-16 ta' Lulju 2009 u minghajr pregudizzu u bir-riserva ghall-pretensjonijiet ohra tar-rikorrenti kontra l-konvenuti Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-bank rikorrenti.

**B. RISPOSTA:**

Rat ir-risposta ta' l-intimati li biha esponew:

1. Illi l-intimati mhumiex edotti mill-fatti u jirriservaw li jipproducu risposta ulterjuri meta jkunu jafu l-fatti.

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti prezentati mill-intimati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat li fl-1 ta' Marzu 2010 Andrew u Elizabeth konjugi Farrugia assumew l-atti u Dr. Gavin Gulia assuma l-patrocinju taghhom.

Irrizulta li l-intimati xtaqu jkellmu xi funzjonarji tas-socjeta` rikorrenti in konnessjoni mat-talba, u ghalhekk il-Qorti tat xi differimenti ghal dan l-iskop.

Xehdet Rose Camilleri, li tahdem mal-Bank of Valletta fil-*Legal Division* fil-kariga ta' *Supervisor* u qalet li Andrew Farrugia u Elizabeth Farrugia m'ghamlu ebda pagament minn meta gie intavolat ir-rikors. Semmiet li l-ammont indikat fir-rikors guramentat kif ukoll xi imghaxijiet ohra ghadhom dovuti.

At li fis-seduta tad-9 ta' Lulju 2010 Dr. Cassar ghas-socjeta` rikorrenti talab li l-kawza tmur ghas-sentenza u li l-intimati ma dehrux.

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Illi bhala stat ta' fatt it-talba tas-socjeta` rikorrenti giet konfermata minn Joseph Borg Cardona bhala l-fatti meta gie prezentat ir-rikors, kif ukoll li Rose Camilleri ikkonfermat li ma sar ebda hlas.

Illi l-intimati ma taw ebda eccezzjoni hlief li l-kuraturi kienu semmew li mhux edotti mill-fatti, izda meta l-intimati *proprio* assumew l-atti ma issollevaw ebda eccezzjoni. Illi fuq talba taghhom l-intimati gew moghtija diversi drabi l-possibbilta` li jaslu ghal xi ftehim mal-bank rikorrenti izda ma irrizulta ebda ftehim u finalment il-konsulent legali tas-socjeta` rikorrenti talab li l-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Illi peress li t-talba tal-bank tidher gustifikata tiddikjara li sehhet wahda mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u skrittura fuq imsemmija (u prezentati mar-rikors bhala Dokumenti 'A' u 'B') partikolarment imma mhux esklussivament, billi Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia: (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta` rikorrenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura; (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati; u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita` tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta` rikorrenti.

Tikkundanna lil Andrew u Elizabeth mizzewgin Farrugia jhallsu lis-socjeta` rikorrenti s-somma ta' mija u sitta u disghin elf, disa' mija u sebgha u tletin Ewro u tlieta u sebghin centezmu (€196,937.73) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" taghhom mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien mal-imghax ulterjuri mis-26 ta' Novembru 2009 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Spejjez kontra l-konjugi Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------